# QORTI ĊIVILI – PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Tnax (12) ta' Diċembru 2022**

**Rikors Numru 179/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Joseph Muscat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-Referenza Kostituzzjonali illi saret mill-Qorti tal-Kriminali fl-Appell Nru 399/2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spett Sarah Magri) vs Joseph Muscat**, a tenur tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-25 ta' Frar 2022, fejn sar is-segwenti kweżit sabiex tiġi deċiża minn dina l-Qorti, fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, ossija:

    ***"jekk bil-fatt illi fil-proċeduri penali miġjuba kontra l-appellant, huwa ma ġiex mogħti l-jedd illi jitlob illi d-disa' kawżi miġjuba kontra tiegħu jiġu mgħaqqdin flimkien, kif lanqas tagħti is-setgħa lil Qorti li tagħmel dan, b'din il-prerogattiva mogħtija biss lil Prosekuzzjoni, setatx wasslet għal vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba disparita' fl-armi, fejn huwa ser ibati preġudizzju meta ser jiġi kkundannat għal piena aktar severa, u dan bi ksur ta' dak dispost fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u li tagħtih rimedju skont il-liġi."***

2. Rat illi dina l-Qorti, fis-26 ta’ April 2022, appuntat ir-referenza għas-smigħ għas-17 ta’ Mejju 2022.

3. Rat illi fis-27 ta’ Mejju 2022, il-Qorti awtorizzat lill-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirrispondi għar-referenza illi saret lil dina l-Qorti, liema risposta ġiet debitament ippreżentata fit-13 ta’ Ġunju 2022.

4. Rat illi fit-12 ta’ Lulju 2022, wara illi ġie aċċertat illi l-atti tal-proċeduri Kriminali fejn saret tali referenza ġew allegati mal-proċeduri odjerni, il-kawża tħalliet għas-sottomissjoniji/et tal-partijiet bil-miktub.

5. Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri ta’ Joseph Muscat ippreżentati fis-16 ta’ Settembru 2022.

6. Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli Avukat tal-Istat ippreżentati fl-4 ta’ Ottubru 2022.

7. Rat illi fl-10 ta’ Novembru 2022, bi ftehim mal-partijiet, ir-referenza kostituzzjonali tħalliet għad-deċiżjoni finali għal-lum.

**Fatti tal-każ**

8. Jirriżulta illi Joseph Muscat, fit-22 ta’ Lulju 2021, tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, akkużat talli naqas milli jħallas il-manteniment lil Karen Caruana għal uliedu minuri, u dana, fil-każ tar-referenza odjerna, għax-xahar ta’ April 2021.

9. Jirriżulta illi l-istess Joseph Muscat, fi ġranet differenti, tressaq ukoll, lkoll permezz ta’ akkużi separati u distinti, illi huwa naqas milli jħallas it-tali manteniment fix-xhur segwenti:

    a. Ottubru 2020
    b. Novembru 2020
    c. Diċembru 2020
    d. Jannar 2021
    e. Frar 2021
    f. Marzu 2021
    g. Mejju 2021
    h. Ġunju 2021

10. Jirriżulta illi l-akkużi kollha inħarġu abbażi tal-Artikolu 338 (z) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), li tipprovdi li persuna hija ħatja ta’ kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku.

    *Meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b’kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma:*

    *Iżda, minkejja kull dispożizzjoni oħra ta’ dan il-Kodiċi, l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu taqa’ bi preskrizzjoni bl-għeluq ta’ sitt xhur:*

> *Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn;*

11. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 7 (2) tal-Kodiċi Kriminali,

> *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravenzjonijiet huma –*
>
> *(a) id-detenzjoni;*
>
> *(b) l-ammenda;*
>
> *(ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba*

12. Jirriżulta illi l-akkuża odjerna, li dwarha qed issir ir-referenza Kostituzzjonali, ossija dik li tirrigwarda l-manteniment dovut għal April 2021, instemgħet kontestwalment mat-tmien akkużi l-oħra separati u distinti li saru fil-konfront ta' Joseph Muscat, li lkoll kemm huma nstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati fl-20 ta' Ottubru 2021. Jirrriżulta illi f'dan il-każ, ossija li jirrigwarda April 2021, bħalma ġie deċiż b'mod identiku fit-tmien każijiet l-oħra, il-Qorti iddeċidiet hekk:

> *Għal dawn il-motivi, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 338(z) u 7 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Qed issib illi imputat Joseph Muscat ħati tal-imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tikkundannah għal xahar (1) detenzjoni.*

13. Jirriżulta kif ġia osservat, kontestwalment mad-deċiżjoni odjerna, l-Qorti tal-Maġistrati għaddiet biex iddeċidiet it-tmien akkużi l-oħra maħruġa separatament kontra l-istess Joseph Muscat, fejn f'kull każ, instab ħati u kkundannat piena ta' detenzjoni ta' xahar.

14. Jirriżulta, għalhekk, illi fl-20 ta' Ottubru 2021, Joseph Muscat ġie kkundannat b'kollox għal disgħa xhur ħabs talli huwa ma ħallasx il-manteniment lil Karen Caruana bejn ix-xhur ta' Ottubru 2020 u Ġunju 2021.

15. Jirriżulta illi, dakinhar stess, talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza għal fini tal-Appell u fit-3 ta' Novembru 2021 interpona appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

16. Jirriżulta illi fit-28 ta' Jannar 2022, l-abbli difensur ta' Joseph Muscat talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali, b'referenza għat-tieni aggravju minnu sollevat, li tirreferi l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' setgħa tal-Qorti tal-Maġistrati milli tgħaqqad diversi akkużi flimkien u jinstemgħu f'kawża waħda bħala leżiva tad-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq.

17. Jirriżulta illi, fit-Tieni Aggravju tiegħu, Joseph Muscat kellu dan xi jgħid:

***A.2. Ir-Reat Kontinwat***

*L-appellant, kontestwalment ma' dan l-umli rikors ta' appell, qiegħed jippreżenta wkoll tmien (8) rikorsi ta' appell oħra li kollha kemm huma jikkonċernaw il-ksur tal-istess kontravenzjoni ossia dik kontemplata fl-artikoli 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'dana illi l-uniku differenza hija d-data meta l-appellant vvjola tali kontravenzjoni.*

*Di fatti, filwaqt li l-appell odjern limitatament jikkonċerna x-xahar ta' April tas-sena 2021, il-bqija tal-kawżi li lkoll kemm huma ġew deċiżi mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-istess jum kontestwalment ma' din il-kawża, rispettivament jikkonċernaw ksur tal-artikolu 338(z) għas-segwenti xhur:*

1. *Ottubru tas-sena 2020;*
2. *Novembru tas-sena 2020;*
3. *Diċembru tas-sena 2020;*
4. *Jannar tas-sena 2021;*
5. *Frar tas-sena 2021;*
6. *Marzu tas-sena 2021;*
7. *Ġunju tas-sena 2021;*
8. *Mejju tas-sena 2021;*

*Kif jista' jiġi osservat, id-disa' (9) sentenzi tal-Ewwel Onorabbli Qorti jikkonċernaw il-ksur tal-istess disposizzjoni tal-liġi fi żminijiet li jvarjaw bejn Ottubru 2020 u Ġunju 2021 ossia medda ta' disa' (9) xhur;*

*Għal raġuni li tafha hi, minkejja li tali reati jikkonċernaw il-ksur tal-istess disposizzjoni tal-liġi għal disa' (9) darbiet fuq medda ta' disa' (9) xhur, il-Prosekuzzjoni iddeċidiet li tistitwixxi disa' (9) kawżi separati fil-konfront tal-appellant minflok sempliċiment inkorporat l-infrazzjonijiet kollha f'kawża waħda u dana bil-konsegwenza li ppreskludietu mill-benefiċċju tal-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li testwalment jistipula:*

> *"18. Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi."*

*Fid-dawl tas-suespost, l-appellant jagħmel referenza għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Ġunju 1995 fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Joseph Galea**' fejn il-Qorti rriteniet illi:*

> *"... jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bħala reat kontinwat u ġabithom kollha fl-istess kawża bħala reat kontinwat, il-Qorti neċessarjament trid tagħti sentenza separata f'kull każ ossia għal kull infrazzjoni jew għall-infrazzjonijiet miġjuba f'dik il-kawża. Jista' jagħti l-każ li l-prosekuzzjoni jkollha d-dubji tagħha jekk hemmx ir-"risoluzzjoni waħda" kkontemplata fl-artikolu 18. Jista' jagħti l-każ ukoll li l-prosekuzzjoni f'dan il-każ, il-*

> *Pulizija Eżekuttiva, tkun aġixxiet tempestivament u mal-ewwel infrazzjoni ressqet lil dak li jkun; f'dan il-każ wieħed ma jistax jippretendi li l-Pulizija għandha toqgħod tistenna biex tara jekk il-persuna li tkun ma tikkommettix reat ieħor in forza tar-risoluzzjoni waħda li tkun preċedentement iffurmat biex b'hekk fl-aħħar tressqu akkużat bl-infrazzjonijiet kollha bħala reat kontinwat. Mill-banda l-oħra l-Pulizija m'għandhiex tispezzetta d-diversi atti f'diversi kawżi." (sottolinear tal-appellant).*

*Għalkemm l-appellant jifhem u japprezza li dina l-Onorabbli Qorti qua Qorti tal-Appell ma għandhiex is-setgħa li tordna li d-disa' (9) proċessi u/jew sentenzi ġia mogħtija jiġu inkorporati fi proċess jew f'sentenza waħda, madanakollu, fuq skorta ta' tagħlim ġurisprudenzjali in materja, f'ċirkostanzi fejn il-ġudikant jidhirlu li diversi infrazzjonijiet f'kawżi separati kellhom jiġu maqgħuda mill-Prosekuzzjoni u konsegwentament trattati bħala reat kontinwat f'kawża unika, il-Qorti għandha tieħu dan in konsiderazzjoni ai fini ta' kalibrar tal-piena.*

*Di fatti, fis-sentenza supra ċitata, ossia dik fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Joseph Galea**', il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:*

> *"L-uniku rimedju li tipprospetta l-liġi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim' Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawżi separati kellhom jiġu ttrattati bħala reat kontinwat f'kawża waħda, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi."*

*F'dan l-isfond, l-appellant ma jistax ma jagħmilx ukoll referenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Carmelo Innorcia**', fejn il-Qorti, rinfaċċjata b'sitwazzjoni simili, wara li rat li kien iktar xieraq li kieku l-appellant f'dawk il-proċeduri tressaq f'kawża waħda fuq reati li huwa kkommetta fuq medda ta' xahrejn, ddeċidiet bil-mod segwenti:*

> *"Fil-każ odjern din il-Qorti hi tal-fehma li kien ikun opportun li l-appellant jitressaq f'kawża waħda fuq ir-reati ta' Settembru kif ukoll dawk ta' Ottubru u għalhekk huwa ġust li jkun hemm ftit moderazzjoni fil-piena ...*
>
> *Tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal priġunerija għal perijodu ta' erba' snin u minflok tikkundannah għal priġunerija għal perijodu ta' tliet snin u tliet xhur u tikkonfermaha fil-bqija." [sottolinejar tal-appellant].*

*Bl-istess riga, stante li hawnhekk si tratta ta' ksur tal-istess kontravenzjoni f'disa' (9) okkażjonijiet separati fuq medda ta' disa' (9) xhur, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-appellant ġie arbitrarjament prekluż mill-Prosekuzzjoni milli jibbenefika minn dak dispost fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija l-umli fehma tiegħu li l-piena fuqu nflittta għandha tiġi varjata sabiex tirrifletti ċ-ċirkostanzi li jsawwru l-każ odjern.*

**Konsiderazzjonijiet li saru quddiem dina l-Qorti mill-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija**

18. Jirriżulta illi fir-risposta li awtorizzat dina l-Qorti lill-Avukat tal-Istat u Kummissarju jippreżenta sabiex dina l-Qorti tkun f'posizzjoni tifhem l-argumentazzjoni tagħhom għall-oġġezzjoni tagħhom, huma ressqu prinċipalment żewġ linji ta' oġġezzjoni:

    a. Ir-referenza kostituzzjonali hija waħda li qatt ma messha saret, peress li l-eżerċizzju li qed tiġi mitluba tagħmel dina l-Qorti hija waħda purament akkademika, u dan għax l-każistika assodata u kristallizzata tal-Qorti tal-Appell Kriminali li hi, "*f'każijiet fejn il-manteniment jitħallas fi stadju ta' appell, il-piena ta' detenzjoni jew dik karċerarja tiġi mibdula fis-sentenza tal-appell f'piena ta' conditional discharge*" fi kliem l-Avukat tal-Istat stess.

    b. Ma hemm ebda leżjoni tad-dritt fundamentali għas-smigħ xieraq ta' Muscat peress illi:

        i. Minn natura tagħhom, l-akkużi kellhom jinħarġu separatament u mhux lkoll flimkien in vista tal-preskrizzjoni ta' sitt xhur imposta mil-Liġi, li għalhekk tipprekludi lill-prosekuzzjoni milli tistenna li takkumula varji infrazzjonijiet mensili biex tgħaqqadhom f'waħda.

        ii. Il-Liġi qiegħda hemm biex tipproteġi lill-vittma, ossja f'dan il-każ, lil Karen Caruana talli Joseph Muscat kiser ordni ta' manteniment imposta fuqu, u mhux biex tissalvagwardja lil min kiser il-Liġi bl-aktar mod flagranti, ossija Joseph Muscat.

        iii. Illi d-dritt ta' smigħ xieraq joffri garanziji proċedurali u mhux sustantivi, u tali garanziji ngħataw lil Joseph Muscat meta ġie assikurat illi:

            1. Il-proċeduri inżammu u ġew determinati minn Qorti indipendenti u imparzjali;
            2. Kellu aċċess miftuħ għall-Qorti;
            3. Is-smigħ kollu ġie kondott fil-presenza tiegħu;
            4. Il-partijiet kollha ngħataw opportunitajiet ugwali biex itellgħu u jeżaminaw xhieda;
            5. Ingħata l-opportunita' li jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel;
            6. Kien megħjun bl-Avukat tal-fiduċja tiegħu;
            7. Ingħata żmien adegwat għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu.

        iv. Illi l-prosekuzzjoni u l-akkużat, f'proċeduri kriminali, għandhom dmirijiet, obbligi u jeddijiet li ma humiex dejjem identiċi, iżda dana ma jfissirx illi l-parita' tal-armi qiegħda tiġi mittiefsa.

19. Jirriżulta illi dawna l-argumenti ġew diskussi u amplifikati aktar fis-sottomissjoni erudita bil-miktub ta' l-istess Avukat tal-Istat.

## Ikkunsidrat

20. Eżaminati l-fatti tal-każ u r-riferenza li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali, flimkien mal-oġġezzjonijiet imqajjma mill-Avukat tal-Istat, il-Qorti ser issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha, anke abbażi tas-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet.

21. Għandu jiġi osservat, l-ewwel u qabel kollox, illi l-mansjoni ta' dina l-Qorti, bħala Qorti li lilha saritilha referenza, hija primarjament sabiex twieġeb għall-mistoqsijiet magħmula lilha mill-Qorti riferenti.

22. Kif qalet il-Qorti, fir-Referenza Kostituzzjonali 115/2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Miloud Elforjani** deċiża fis-16 ta' Mejju 2022;

> *Tassew mhuwiex mogħti lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew lill-Qorti Kostituzzjonali l-jedd li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kawża li minnha tnisslet ir-referenza kostituzzjonali jew li toqgħod tagħti xi rimedju fl-eventwalità li ssib xi vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem (ara* ***Il-Pulizija v. Vincent Etienne Vella*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 2020 u* ***The Police v. Austine Eze et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013). Għalkemm irid jingħad ukoll li l-aħħar ġurisprudenza tgħid ukoll li ma hemm xejn xi jżomm lill-qorti b'setgħat kostituzzjonali li tagħmel kull osservazzjoni oħra li jidhrilha rilevanti għal risposta sħiħa għad-domanda magħmula anke billi tqajjem hi kwistjonijiet ex officio (ara* ***Il-Pulizija (Spettur Kevin Pulis) v. Robert Agius*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019 u* ***The Police (Inspector Keith Arnaud) v. Kristjan Zekic also kwown as Adhamjon Niyazov*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2019);*

23. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fir-Referenza Kostituzzjonali 21/2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Borg** deċiża fit-13 ta' Lulju 2018;

> *Meta jkun hemm kwistjoni ta' natura kostituzzjonali li tinġieb quddiem il-Qorti b'kompetenza kostituzzjonali, dik il-Qorti kemm jekk tkun il-Qorti Kostituzzjonali u kemm jekk tkun il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, għandha s-setgħa mhux biss li tgħid hemmx jew x'aktarx ikun hemm, ksur tal-jedd fondamentali iżda wkoll li tagħti dawk ir-rimedji jew provvedimenti oħra li jidhrilha xierqa fiċ-ċirksotanzi sabiex jew taggti rimedju għal dak il-ksur jekk ikun ġia' seħħ jew inkella sabiex dak il-ksur jiġi evitat….. l-Art.46[2] ….”*

24. Fil-każ odjern, il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet tagħha tal-25 ta' Frar 2022, għamlet is-segwenti domanda illi din il-Qorti teħtieġ li tevalwa:

> *"jekk bil-fatt illi fil-proċeduri penali miġjuba kontra l-appellant, (il-fatt li) huwa ma ġiex mogħti l-jedd illi jitlob illi d-disa' kawżi miġjuba kontra tiegħu jiġu mgħaqqdin flimkien, kif lanqas tagħti is-setgħa lil Qorti li tagħmel dan, b'din il-prerogattiva mogħtija biss lill-Prosekuzzjoni, setatx wasslet għal vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba disparita' fl-armi, fejn huwa ser ibati preġudizzju meta ser jiġi kkundannat għal piena aktar severa, u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*

*u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u li tagħtih rimedju skont il-liġi."*

25. Jidher, għalhekk, illi l-kweżit propost lil dina l-Qorti hija dwar jekk il-fatt li l-Prosekuzzjoni **biss** tista' titlob li varji akkużi jitqiesu lkoll flimkien minn ġudikant u mhux b'mod individwali, minnha nnifisha hija poter li, riżultat tagħha, l-akkużat, fil-każ odjern Joseph Muscat, ser jiġi lilu leż id-dritt għal smigħ xieraq, għax ser jiġi kkundannat għall-piena aktar severa minn dik li jista' jbagħti kieku jitqiesu kumulattivament.

**Kweżit akkademiku jew Dritt leż**

26. L-abbli Avukat tal-Istat, fl-argumentazzjonijet mqajjma quddiem dina l-Qorti, jisħaq illi r-referenza li saret quddiem dina l-Qorti kienet purament waħda akkademika, u għalhekk qatt ma messha saret.

27. Huwa jibbaża tali argumentazzjoni, billi jgħid li huwa fatt ben risaput li, wara deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti fejn persuna jingħata piena karċerarja wara nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, ladarba l-istess persuna, hekk kif jintavola Appell, jilħaq iħallas il-manteniment dovut, l-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola ġenerali, tbiddel id-deċiżjoni finali f'piena ta' conditional discharge.

28. Għaldaqstant, l-Avukat tal-Istat jikkontendi, l-fatt jekk din il-Qorti tqisx li hemm jew le ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq ta' Joseph Muscat hija purament waħda akkademika, għax xorta waħda ser jingħata conditional discharge.

29. L-abbli difensur ta' Joseph Muscat, mill-banda l-oħra, jikkontendi illi l-argument kollu tal-Avukat tal-Istat huwa purament wieħed ipotetiku, peress illi huwa qiegħed jassumi kif ser tkun id-deċiżjoni aħħarija tal-Qorti tal-Appell u qiegħed jipprevedi, b'ċerta sens ta' ċertezza, l-eżitu finali, meta huwa fatt ben magħruf illi fis-sistema ġuridika Maltija ma teżistix ir-regola tal-preċedent.

30. Il-Qorti, kkunsidrat tali argumentazzjoni, ma tistax ħlief ma taqbilx mal-argumentazzjoni mqajjma mill-konsulent legali ta' Muscat. Huwa ċar li l-Avukat tal-Istat qiegħed jibbaża l-argumentazzjoni tiegħu <u>unikament</u> fuq prassi li, fil-present qiegħda topera l-Qorti tal-Appell Kriminali, liema prassi hija waħda li ċertament dina l-Qorti tabbraċċja u tqis ġusta u ekwa fiċ-ċirkostanzi.

31. Jidher ċar li tali prassi, adoperata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, hija riżultat tar-regolarita' ta' każijiet bħal dawk illi dina l-Qorti qiegħda tikkunsidra illum, fejn akkużat l-ewwel jiġi inondat b'ħafna akkużi redatti b'mod separati u distinti, għalkemm ilkoll ikollhom l-istess ħsieb u egħmil, u wara li tingħata deċiżjoni kontra tiegħu li tmur ferm oltre dak li wieħed jista' jqis bħala raġjonevoli fl-interjieta' tagħha, huwa jirrimedja billi jagħmel il-ħlasijiet kollha minnu dovuti, w il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala Qorti tal-Ġustizzja li trid tara li mhux biss issir il-Ġustizzja iżda li <u>tinħass li tkun saret Ġustizzja wkoll</u>, ittaffi l-impatt tad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti, fejn tirriformaha għal ħelsien kundizzjonat.

32. Huwa ċar ukoll illi tali prassi, ma hija bl-ebda mod riflessa f'leġislazzjoni apposita, u hija mħollija unikament għall-ġudizzju savju ta' kull ġudikant individwali sabiex japplika, bir-riżultat illi, għalkemm applikata illum il-ġurnata, ma hija bl-ebda mod

iggarantita lill-akkużat, bir-riżultat li għalhekk jista' jirrinfaċċja piena ferm aktar severa minn dik li jista' jingħata kieku l-akkużi jiġu deċiżi lkoll flimkien u mhux b'mod individwali.

33. Din il-Qorti taqbel bi sħiħ mal-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tali referenza da' parte tal-akkużat Joseph Muscat.

> "*la tista' titqies frivola u lanqas vessatorja ... għaliex il-liġi kif inhi applikabbli llum tista' tagħti lok għal dik id-disparita' fl-armi li jilmenta dwarha l-appellat u dan bi preġudizzju għalih.*"

34. Għaldaqstant, l-ewwel linja difensjonali ta' l-Avukat tal-Istat, ossija illi tali referenza Kostituzzjonali qatt ma messha saret peress illi hija waħda purament akkademika, ma tistax titqies favorevolment.

**Il-Poter insindakabbli tal-Prosekuzzjoni w id-disparita' tal-Armi**

35. Il-kwistjoni prinċipali illi dina l-Qorti trid tikkunsidra hija il-poter esklussiv li għandu l-Avukat Ġenerali u, b'estenzjoni, il-Pulizija, biex jgħaqqad varji akkużi flimkien.

36. L-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi dan li ġej:

> *Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 591 u 593, jekk żewġ atti ta' akkuża jew iżjed jiġu ippreżentati fl-istess żmien jew fi żminijiet diversi, il-qorti tista', **fuq talba tal-Avukat Ġenerali**, tordna li huma jiġu magħqudin biex jiġu iġġudikati flimkien,*

37. L-Artikolu 593, li huwa rilevati għal każ odjern, jipprovdi dan li ġej:

> *(1) Żewġ reati jew aktar magħmulin minn persuna waħda,għalkemm mhux konnessi bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u jiġu ġġudikati fl-istess kawża, għad li xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri; meta jsir hekk, l-att tal-akkuża għandu jitqassam f'diversi kapi, u f'kull wieħed minnhom għandha titħares id-dispożizzjoni tal-artikolu 589.*
>
> *(2) Iżda l-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna li dawn ir-reati jiġu ġġudikati kull wieħed għalih.*

38. Artikolu rilevanti ieħor għall-kunsiderazzjoni ta' dina l-Qorti hija l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi li:

> *Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ **reat kontinwat**, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.*

39. Jidher li fil-każ odjern, l-akkużat Joseph Muscat, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2021, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, magħrufa wkoll bħala Qorti tal-Familja, ġie rinfaċċjat b'disgħa akkużi separati u distinti li kienu jgħidu s-segwenti:

A. Akkuża maħruġa f’**Novembru 2020**

*1) Meta hekk kont ordnat mill-Qorti b'sentenza ta’ Onor. Abigail Lofaro LLD, hekk kif marbut b’kuntratt, inqast li tagħti lill-martek / żewġek / jew lil xi persuna oħra,* ***Karen Caruana*** *dik is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew minn dak il-kuntratt bħala manteniment għalih / għaliha jew għal uliedkom, fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew kuntratt kellek tħallas dik is-somma għax-xahar t'****Ottubru, 2020****.*

B. Akkuża maħruġa fid-**9 ta’ Frar 2021**

*BILLI inti akkużat/a talli għax-xahar ta’* ***NOVEMBRU 2020****, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt inqast li tagħti lil* ***Karen Caruana*** *u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.*

C. Akkuża maħruġa fid-**9 ta’ Frar 2021**

*BILLI inti akkużat/a talli għax-xahar ta’* ***DIĊEMBRU 2020****, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt inqast li tagħti lil* ***Karen Caruana*** *u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.*

D. Akkuża maħruġa fid-**9 ta’ Frar 2021**

*BILLI inti akkużat/a talli għax-xahar ta’* ***JANNAR 2021****, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt inqast li tagħti lil* ***Karen Caruana*** *u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.*

E. Akkuża maħruġa fl-**24 ta’ Mejju 2021**

*BILLI inti akkużat/a talli għax-xahar ta’* ***FRAR 2021****, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt inqast li tagħti lil* ***Karen Caruana*** *u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.*

F. Akkuża maħruġa fit-**8 ta’ Ġunju 2021**

*BILLI inti akkużat/a talli għax-xahar ta’* ***MARZU 2021****, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt inqast li tagħti lil* ***Karen Caruana*** *u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma*

G. Akkuża maħruġa fit-**22 ta’ Lulju 2021** (l-akkużi li dwarhom saret ir-referenza

odjerna)

*BILLI inti akkużat/a talli għax-xahar ta’* ***APRIL 2021****, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt inqast li tagħti lil* ***Karen Caruana*** *u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.*

H. Akkuża maħruġa fit-**22 ta’ Lulju 2021**

*BILLI inti akkużat/a talli għax-xahar ta’* ***MEJJU 2021****, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt inqast li tagħti lil* ***Karen Caruana*** *u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.*

I. Akkuża maħruġa fit-**22 ta’ Lulju 2021**

*BILLI inti akkużzat/a talli għax-xahar ta’* ***ĠUNJU 2021****, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt inqast li taghħti lil* ***Karen Caruana*** *u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.*

40. Jidher li, fis-seduta tal-20 ta’ Ottubru 2021, fid-disgħa kawżi kollha, sar is-segwenti verbal fuq talba tad-difensur ta’ Joseph Muscat:

*Dr. Arthur Azzopardi għall-imputat ivverbalizza li d-difiza tagħraf illi fis-seduta ta’ llum kontra l-imputat hemm total ta' disa' kawżi li lkoll jittrattaw l-istess allegat ksur ta' liġi, b'dana illi minn qari tal-imputazzjonijiet kollha, fl-umli fehma tad-difiża jeżisti l-estremi tal-Art 18 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekkk a bażi tas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imħallef David Scicluna fl-ismijiet ll-Pulizija vs Carmelo Innorcia deċiża nhar il-31 ta' Lulju 2009, id-Difiża tistieden lill-Prosekuzzjoni sabiex hija titlob lil din l-Onorabbli Qorti għat-tagħqid ta' dawn il-kawżi kollha sabiex dawn id-disa' kawżi mhux jinstemgħu kontestwalment iżda jsir proċess wieħed b'sentenza waħda.*

*Il-Prosekuzzjoni toġġezzjona għal din it-talba stante li r-rapport iddaħħal individwalment skond kif presjedut quddiem din il-Qorti apparti minn hekk dawn l-istess reati għadhom qegħdin fis-seħħ stante li l-Parte Civile għadha tagħmel l-istess rapport fuq l-istess natura.*

*Konsegwentement il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawżi kif miġjuba.*

41. Jidher illi riżultat tal-oġġezzjoni tal-prosekuzzjoni, filwaqt li l-kawżi kellhom jibqgħu jiġu deċiżi separatament u mhux b’mod konness, id-disgħa kawżi nstemgħu kontestwalment flimkien u ġew deċiżi d-disgħa kawżi separatament iżda kontestwalment, fejn il-Qorti qieset illi Joseph Muscat kien reċidiv, presummibbilment riżultat tad-disgħa kawżi li kellu quddiem il-Qorti, stante li mill-atti, prova dwar reċidiv

ma jirriżulta minn imkien, u kkundannatu piena ta’ ħabs ta’ xahar għal kull waħda mid-disgħa akkużi, li b’kollox kienet kundanna ta’ ħabs ta’ disgħa xhur.

42. Jirriżulta illi l-aggravju ta’ Joseph Muscat illi wasslet għar-referenza odjerna hija waħda ċara.

**Ikkunsidrat**

43. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, waħda mill-argumenti mressqa mill-Avukat tal-Istat li bih ipprova jiġġustifika għaliex kellhom ta’ bilfors jinħarġu akkużi separati u distinti, kien illi ma setgħux joqogħdu jistennew li jiġi kommess reat ieħor biex joħorġu akkuża, u dan partikolarment in vista tal-perjodu preskrittiv ta’ sitt xhur impost mill-Liġi, u għalhekk ħarġu akkuża separata għal kull xahar.

44. Madanakollu, dana l-argument ma huwiex rifless fid-dokumentazzjoni tal-atti tal-kawżi.

45. Dana qiegħed jingħad għax l-akkużi w d-dati meta nħarġu, li dina l-Qorti rriproduċiet għall-fini ta’ kompletezza u sabiex il-punt ta’ dina l-Qorti joħroġ ċar, juru realta’ <u>ferm differenti</u> minn dak illi pprova jpinġi l-Avukat tal-Istat, presumibbilment fuq informazzjoni mgħoddija lilu mill-Pulizija.

46. Di fatti, jidher ċar li kien hemm żewġt istanzi fejn tlett akkużi differenti setgħu jinġiebu f’akkuża waħda – di fatti, t-tlett akkużi separati u distini li nħarġu għax xhur ta’ Novembru u Diċembru 2020 u Jannar 2021 lkoll nħarġu fid-<u>9 ta’ Frar 2021</u> filwaqt illi t-tlett akkużi separati u distinti li nħarġu għax-xhur ta’ April, Mejju u Ġunju 2021 lkoll nħarġu fil-<u>21 ta’ Lulju 2021</u> – ma jidher illi kien hemm ebda raġuni valida għaliex, f’dawn il-każijiet, kellhom jinħarġu akkużi separati u distinti.

47. Jiġi osservat li, a differenza ta’ l-impressjoni li riedu jagħtu l-Pulizija tramite s-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat, kemm fid-9 ta’ Frar 2021 kif ukoll fil-21 ta’ Lulju 2021, il-Pulizija setgħu liberament joħorġu akkuża waħda għat-tlett xhur flimkien, u ma kien hemm **ebda raġuni** għaliex kellhom jinħarġu separatament, jekk mhux għal raġunijiet ben ovvji illi dina l-Qorti ser tikkunsidra aktar 'il quddiem.

**Ikkunsidrat**

48. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra jekk, fil-każ odjern, setgħux kienu applikabbli r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, ossija fejn huwa kkontemplat ir-reat kontinwat, għall-akkużi indirizzati fil-konfront ta’ Joseph Muscat.

49. Bħalma jistabilixxi l-Artikolu 18 tal-Kap 9, reat <u>**għandu**</u> jitqies bħala “<u>reat kontinwat</u>” meta id-diversi atti magħmulin, anke fi żminijiet differenti, ikunu:

   a. Qed jiksru l-istess disposizzjoni ta-Liġi, <u>**U**</u>
   b. Ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda.

50. F’każ illi l-varji atti jiġu lkoll meqjusa bħala reat kontinwat, il-Liġi tipprovdi li l-piena tista’ tiżdied “*minn grad sa żewġ gradi*”.

51. Applikati dawna l-parametri lill-kawżi kif fuq riprodotti minn dina l-Qorti, jidher ċar illi, fil-każ odjern, lil Joseph Muscat kien qiegħed jiġi lilu rekriminat li, f'xhur differenti bejn Ottubru 2020 sa Ġunju 2021, ossija fi żminijiet differenti.

    a. Ikkommetta l-istess reat kkontemplat fl-Artikolu 338 (z) tal-Kodiċi Ċivili u dan billi:

    b. Ma ħallasx il-manteniment previst fil-Kuntratt ta' Separazzjoni magħmul bejnu u bejn Karen Caruana fit-28 ta' Novembru 2017, kif debitament awtorizzat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'digriet tal-20 ta' Frar 2017.

52. Għalhekk, jidher ċar illi, fil-każ odjern, id-disgħa akkużi maħruġa separatament fil-konfront ta' Joseph Muscat kienu faċilment jaqgħu taħt il-parametri stabbiliti fil-liġi ta' "*reat kontinwat*", punibbli b'piena li setgħet tiżdied bi grad jew tnejn.

53. Dwar l-applikazzjoni ta' reat kontinwat w il-limitazzjonijiet imposti fuq il-Qrati biex japplikawhom, l-Qrati Kriminali, varji drabi, espremew it-tħassib serju tagħhom dwar tali sitwazzjoni. Il-Qorti jidhrilha opportun illi, f'dan l-istadju, tirreferi għal waħda mill-kawżi, ossija l-kawża '**Il-Pulizija vs Ahmad Yasine'** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Settembru 2020, fejn kellha dan xi tgħid:

> *Kwantu l-effetti tal-artikolu 18 din il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat fis-sentenza tagħha tal- ...... fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ommisis (Appell Numru 360/2015) fejn intqal hekk:*
>
> > *7. The Continuous Crime under Article 18 of the Criminal Code is said to have been drafted for the benefit of the accused in that a person will answer to one crime rather than a multiplicity of crimes where they are made with the same purpose and are in breach of the same provision of law.*
> >
> > *Answering for all crimes as one crime means that the accused is given the punishment for one of the crimes and not for each individual crimes but increased by one or two degrees according to the Court's discretion. Reference is made to Lectures in Criminal Law by Prof. Anthony J Mamo – Old University at pp 179 et seq. accurately tracing the origins of this article and citing eminent authors such as Ċarrara, Maino, Impallomeni, Crivellari and others.*
> >
> > *Indeed, Francesco Antolisei in his works Manuale di Diritto Penali (Parte Generale -1994 a pg 478 et seq. states:*
> >
> > *La figura del reato continuate sorse per opera dei pratici italiani del Medioevo, i quali la escogitarono per mitigare il severissimo trattamento stabilito dalle legislazione comunali per I delitti dello stess tipo, ripetuti piu' volte. Concordementi ammessa dalla dottrin precedenti alla legislazione attuale e riconosciuta in modo espresso dal codice Zandarelli, tale figura era stata abbandonata nel Progetto preliminare del condice Rocco, ma venne ripristinata nel Progetto definitive in segutio all insistenti e vive preoccupazioni che se erano*

*manifestate per l-eccessivo rigore a cui la soppressione avrebbe dato luogo.*

*8. Notwithstanding that the concept of continuous offence in Article 18 was created for the benefit of the accused, it also comes at a heavy price for the same accused. Through this legal fiction, an accused can be charged for a string of offences in breach of the same provision of law which took place over a period of time, indeed years and this on the basis of the date of the last known crime allegedly committed. If, for the sake of argument, a person has been committing the same crime against the same person or property punishable with imprisonment of two years for the past ten years but is only apprehended a few weeks before the prescriptive period of the last committed crime, that accused may be asked to answer for all the crimes committed during the last ten years. Article 18, therefore, which is a privilege granted only to the prosecution and cannot be requested by the accused in search for a lesser punishment, can disadvantage the accused by bringing together all past acts or omissions which would have otherwise been time-barred;*

*9. Added to this prejudice, the accused is now subject to an indeterminate increase in punishment by two degrees, which as explained above in this case can be increased from six years for the original crime up to twelve years. The latter increase also has the effect of committing an accused to trial for a crime which, on its own, would have been time-barred. The accused is furthermore prejudiced by the fact that prescription is based on an uncertain punishment which may or may not be applied by the Court in its discretion. This brings to mind the caution raised by Sr. Anthony Mamo in the work cited above at page 178:*

*Finally, the doctrine of continuous offence, was, as we have already seen, devised by the practical jurists in order to mitigate the punishment which would otherwise be due to the offender in respect of his several violations.Viewed against this historical background* ***this doctrine is thus a benefit granted to the offender, and must not therefore, in any circumstances, according to many authorities be turned to his disadvantage****. [emphasis of this Court]*

*10.Indeed, the continuous offence can also be detrimental to the accused in that it is no longer possible to produce witnesses or evidence in defense thereof for those crimes which would otherwise have been time-barred.*

*....*

*11.In Trattato Di Diritto Penale Italiano – Vol III, p 487, para 651, Manzini concludes as follows:*

> *Poiche' la continuazione delittuosa non e' una circostanza aggravante, bensi' un ipotesi di concorso meramente ideale di reati, cose' l'aumento del triplo per la continuazione stessa non deve considerarsi ai fini della prescrizione (cassazione 27/01/1993, Giust. Pen, 1993, II, p. 313; 18/03/1932, Annali di dir. e proc. pen., 1932, p.696), ma il termine prescrittivo deve esser stabilito con riferimento a ciascun reato concorrente nella detta continuazione, avvertendo che, per l'estinzione del reato continuato, e necessario che il termine prescrittivo sia decorso in relazione a tutti I reati nella continuazione".*

...

*11. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet a propositu tal-artikolu in disamina, tajjeb li jingħad ukoll illi sakemm il-prosekuzzjoni ma tindikax l-artikolu 18 fil-fatti imputati, dawk il-fatti ma jistgħux jitqiesu bħala reat kontinwat fit-termini tal-istess artikolu. Il-Qrati tagħna, iżda, u kif tajjeb osserva l-appellant bis-sentenzi minnu ċitati, fl-ispirtu tal-istess artikolu ġieli laqgħu għall-effett kuntrarju billi applikaw piena aktar miti f'każijiet fejn il-kwisjtoni kienet tirrientra fid-dominju ta' reat kontinwat iżda ma jistax jitqies li kien hekk la darba mhux indikat mill-prosekuzzjoni. Dak li osserva l-appellant, iżda, ma huwiex applikabbli għall-kwistjoni odjerna u dan hu dovut għar-raġunament żbaljat tiegħu naxxenti minn nuqqas ta' riproduzzjoni fidila tas-sentenzi minnu ċitati;*

*12. Mis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Galea, l-appellant iċċita s-segwenti bran:*

> *"... jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bħala reat kontinwat u ġabithom kollha fl-istess kawża bħala reat kontinwat, il-Qorti neċessarjament trid tagħti sentenza separata f'kull każ ossia għal kull infrazzjoni jew għall-infrazzjonijiet miġjuba f'dik il-kawża. Jista' jagħti l-każ li l-prosekuzzjoni jkollha d-dubji tagħha jekk hemmx ir-"risoluzzjoni waħda" kkontemplata fl-artikolu 18. Jista' jagħti l-każ ukoll li l-prosekuzzjoni f'dan il-każ, il-Pulizija Eżekuttiva, tkun aġixxiet tempestivament u ma' l-ewwel infrazzjoni ressqet lil dak li jkun; f'dan il-każ wieħed ma jistax jippretendi li l-Pulizija għandha toqgħod tistenna biex tara jekk il-persuna li tkun tikkommettix reat ieħor in forza tar-risoluzzjoni waħda li tkun preċedentement iffurmat biex b'hekk fl-aħħar tressqu akkużat fl-infrazzjonijiet kollha bħala reat kontinwat. **Mill-banda l-oħra l-Pulizija m'għandhiex tispezzetta d-diversi atti f'diversi kawżi**" (sottolinear tal-esponent).*

*13. Issa, għalkemm fis-sistema ġudizzjarja tagħna, mhix applikabbli d-dottrina tal-preċedent u li s-sentenzi tal-Qrati, ossia il-ġurisprudenza hija utli għas-sostenn tal-argument avvanzat, l-iċċitar tas-sentenzi għandu jkun wieħed fidil u mhux spezzettat u meħud barra mill-kuntest tiegħu. Dan qed jingħad għaliex mis-sentenza ċitata, l-appellant naqas li jirriproduċi dik il-parti kruċjali tagħha meta osservat li t-tlett ċitazzjonijiet f'dak il-każ kienu ħarġu fl-istess data. Qabel ma tkun ċitata l-parti relevanti, tajjeb li jkun*

*osservat ukoll illi fil-parti li l-appellant għażel illi jenfasizza b'tipi oskuri, naqas milli jiċċita b'mod preċiż dak li verament qalet il-Qorti tal-Appell li huwa s-segwenti: "**Mill-banda l-oħra l-Pulizija m'għandhiex tabbuża u meta jkun hemm indikazzjoni ċara ta' reat kontinwat m'għandhiex tispezzetta d-diversi atti f'diversi kawżi**". Dan qed ikun osservat għaliex f'dik il-kawża kien evidenti li l-każ kien ta' reat kontinwat meta fil-każ hawn skrutinat ma huwiex il-każ kif jgħid l-appellant;*

*14. Ventilat dan, u din il-Qorti ma tarax għaliex għandha kontinwament toqgħod tivverifika jekk l-iċċitar u riproduzzjoni tas-sentenzi huwiex wieħed fidil jew le sal-punt li jkun ibiddel it-tifsira tal-istess sentenza, jokkorri issa li tkun ċitata dik il-parti evitata mill-appellant u l-Qorti jissgħobbiha jkollha tuża l-kelma "konvenjentement":*

> *Fil-każ preżenti, hu evidenti li l-Pulizija ipprospettat reat kontinwat għax-xahar ta' Marzu 1994 (peress li ma kull skadenza ta' manteniment mhux imħallas, magħduda il-ħmistax-il jum, kien hemm prima facie infrazzjoni). Pero' ġialadarba t-tlett ċitazzjonijiet, jigifieri kemm dik fil-kawża odjerna kif ukoll dawk fil-kawżi li huma meritu tal-appelli 2/95 u 3/95, ħarġu fl-istess data -- 24 ta' Ġunju, 1994 -- din il-Qorti ma tistax tifhem x'seta' wassal lill-Pulizija li joħorġu tlett ċitazzjonijiet separati minflok ċitazzjoni waħda b'imputazzjoni ta' reat kontinwat li jkopri l-infrazzjonijiet għax-xhur (propjament għall-ġimgħat fix-xhur) ta' Marzu, April u Mejju, 1994. **Mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tordna li t-tlett proċessi jew it-tlett sentenzi diġa' mogħtija jiġu inkorporati fi proċess wieħed jew f'sentenza waħda -- ebda disposizzjoni tal-liġi ma tawtorizza li jsir dan.** L-uniku rimedju li tipprospetta l-liġi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim' Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawżi separati kellhom jiġu trattati bħala reat kontinwat f'kawża waħda, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi.*

*15. Fis-sentenza Joseph Galea ċitata mill-appellant, allura, il-kwisjtoni kienet taġġira fuq il-fatt illi t-tlett ċitazzjonijiet kienu ħarġu fl-istess ġurnata u l-Qorti ma qagħditx lura milli tindika li dak seta' jkollu mill-elementi ta' abbuż. Fil-każ odjern, il-ħames ċitazzjonijiet kienu nħarġu fi ġranet u ġimgħat differenti u dan jirrendi l-fatti intrinsikament differenti anke li kieku din il-Qorti kellha ssegwi din il-konklużjonijiet ta' dik is-sentenza mill-ottika ġurisprudenzjali.*

## Ikkunsidrat

54. Jirriżulta, mill-fatti kif riflessi fl-atti tal-proċeduri li ġew appellati quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali w li għaliha saret ir-referenza kostituzzjonali, li l-Prosekuzzjoni, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, għalkemm mitluba sabiex tapplika dik il-prerogattiva mogħtija unikament lill-Prosekuzzjoni fl-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali, rrifjutat illi tagħmel dan, taħt il-pretest illi dawna kienu rapporti individwali li saru u li r-reati kienu għadhom fis-seħħ – jiġifieri kien għadu ma tħallasx il-manteniment!

55. Jirriżulta wkoll illi, riżultat tal-oġġezzjoni tal-Prosekuzzjoni, l-akkużat, ossija Joseph Muscat, ġie espost għal piena massima karċerarja ta' tlett xhur **għal kull waħda mill-akkużi**, ossija massimu ta' tmintax-il xahar priġunerija, li minnhom huwa attwalment ġie kkundannat disgħa xhur b'kollox.

56. Il-Qorti, hawnhekk, ma tistax ma tosservax illi l-aġir tal-prosekuzzjoni, partikolarment għal dawk l-akkużi differenti illi nħarġu fl-istess data, jista jitqies li seta kien wieħed abbużiv u intiż unikament sabiex tirreka l-akbar dannu possibbli lejn l-akkużat, liema aġir ċertament ma jistax isib konfort minn dina l-Qorti.

57. Il-Qorti tifhem u tapprezza li l-prosekuzzjoni qiegħda hemm sabiex tmexxi bil-ħeffa proċeduri li l-vittma ċertament tkun trid tara konklużi peress illi l-għejxien tagħha proprju jiddependi minnha, iżda ma taqbilx illi biex tagħmel dan, hija għandha tuża l-prerogattiva esklussiva tagħha sabiex tirreka biża' u dannu fuq l-akkkuzat bil-għan illi tottjeni dak illi hija trid – ossija li jinstab ħati.

58. Il-Qorti tistqarr li jidher ċar illi l-ħsieb wara l-ogġġezzjoni tal-Prosekuzzjoni huwa ċarament wieħed ta' '*arms twisting*' fuq l-akkużat, fejn istitwiet akkużi separati u distinti, għalkemm tal-istess offiża u bl-istess ħsieb, **<u>unikament</u>** sabiex l-akkużat jiġi mhedded li ser jingħata piena ħarxa, biex b'hekk huwa jħallas il-manteniment dovut. Tali ħsieb huwa rifless anke fis-sottomissjonijiet tal-abbli Avukat tal-Istat, fejn jisħaq li ma hemm ebda vjolazzjoni għax teżisti l-prassi adoperata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, la darba l-akkużat iħallas il-manteniment, huwa li s-sentenza tiġi riformata f'waħda ta' '*conditional discharge'* – il-Qorti hawnhekk tosserva li l-Qrati jadoperaw tali prassi unikament in vista tal-abbuż ripetut li jsir da' parte tal-prosekuzzjoni ta' kawzi b'akkużi simili u identiċi fejn joġġezzjonaw li jingħaqdu flimkien w il-Qrati huma kostretti jippruvaw jirrimedjaw billi jtaffu l-pieni.

59. Il-Qorti, allura, tifhem illi l-Prosekuzzjoni qiegħda xjentement u b'intenzjoni ċara, tabbuża mill-prerogattiva esklussiva tagħha li tgħaqqad reati flimkien f'akkuża waħda, **liema abbuż ċertament ma kienx ikun hemm li kieku l-prerogattiva pprovduta fl-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali ma tkunx waħda applikabbli biss fuq talba tal-Avukat Ġenerali jew Pulizija, <u>iżda tkun waħda applikabbli anke mill-Qorti stess, 'ex officio', jekk hija jidhrilha opportun.</u>**

60. Ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-Qrati huma Qrati tal-Ġustizzja, fejn għandu jiġi assikurat illi mhux biss il-Ġustizzja trid issir iżda trid tidher u tinħass li ssir – għalhekk, il-Qorti ma tistax ma tistaqsix, x'tip ta' ġustizzja l-Prosekuzzjoni qiegħda tittenta tottjeni bil-eżerċizzju tal-prerogattiva esklussiva tagħha, meta toġġezzjona li reati identiċi u bl-istess ħsieb iżda kommessi fi ġranet differenti, jiġu deċiżi separatament? Qiegħda tipprova tara li ġustizzja ssir, jew qiegħda tipprova tara kif ser iġġiegħel lill-akkużat iħallas il-manteniment lill-vittma, akkost ta' kollox, anke li jispiċċa fil-ħabs għall-perjodu ferm itwal minn dak preskritt li kieku l-akkużi inġiebu kollha f'daqqa u b'hekk tiġi kkawzata ingustizzja fil-konfront tiegħu?

61. Huwa ċar li, l-Artikolu 595, kif redatt, w il-poter esklussiv mogħti lill-Avukat Ġenerali w il-Pulizija, sabiex jiddeċiedi hu **BISS** jekk akkużi "*jiġu magħqudin biex jiġu ġġudikati flimkien*" jew le, hija ċirkostanzi li, minnha nnifisha, twassal għall-vjolazzjoni ta' dritt għal smigħ xieraq, da parte ta' Joseph Muscat, peress illi l-Qorti li qiegħda tiġġudikaħ, qieghda tigi prekluża illi, '*ex officio*', tagħti lill-akkużat dak il-benefiċċju li huwa għandu dritt jippretendi, *ex lege,* abbażi tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, u

għalhekk hija prekluża milli tapplika r-regoli ta' reat kontinwat meta huwa, *ictu oculi*, ovvja li l-akkużi lkoll kemm huma jikkonsistu f'reat kontinwat – kif jista' qatt jitqies li qed jingħata smigħ xieraq meta l-Qorti qiegħda tiġi mxekkla tipprovdi l-ġustizzja mistħoqqa minħabba impediment impost fuqha mill-Prosekutur!

62. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali sitwazzjoni tista' tiġi faċilment rimedjata billi, fl-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali, li llum jgħid:

> *... jekk żewġ atti ta' akkuża jew iżjed jiġu ppreżentati fl-istess żmien jew fi żminijiet diversi, il-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna li huma jiġu magħqudin biex jiġu ġġudikati flimkien".*

tiġi miżjuda l-possibbilta' lil-Qorti li **ex officio** tordna li jiġu magħqudin l-atti ta' akkużi, b'żieda mal-possibbilta li tali rikjesta ssir da' parte tal-Prosekuzzjoni.

63. Emenda f'tali sens ċertament twaqqaf l-abbuż li jista' jsir da' parte tal-Prosekuzzjoni, bħalma ġara fil-każ odjern, fejn oġġezzjonat li akkużi differenti jiġu magħqudin flimkien unikament sabiex l-akkużat, Joseph Muscat, jingħata piena aktar ħarxa a benefiċċju tal-vittma, biex dina titħallas dak lilha dovut, filwaqt illi tassikura li l-akkużat ikun f'posizzjoni li jingħata smigħ xieraq fejn jingħata deċiżjoni minn Qorti illi hija libera mix-xkiel li tqiegħed fuqha il-Prosekuzzjoni fl-għoti ta' sentenza ġusta u ekwa, li wara kollox huwa d-dmir tal-Qrati tagħna illi jagħtu.

64. Din il-Qorti tirripeti dak illi qalet qabel – il-Qrati għandhom ikunu Qrati tal-Ġustizzja, fejn mhux biss għandha ssir il-Ġustizzja, iżda trid tidher u tinħass li qed issir, iżda bil-prerogattiva esklussiva tal-Prosekuzzjoni u l-użu arbitrarju tagħha a benefiċċju tal-vittma, ġustizzja ma hijiex qiegħda ssir, peress illi ma huwiex qiegħed jintlaħaq il-bilanċ rikjest bejn id-drittijiet tal-vittma li tottjeni ġudikat favorevoli w id-drittijiet tal-akkużat illi jibbenefika minn vantaġġi legali li huma dritt tiegħu.

## Konklużjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq ċitati, dina l-Qorti qiegħda twieġeb għar-referenza lilha magħmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2022, billi tgħid li:

**Ser ikun hemm ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja bil-fatt illi, abbażi tal-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), hija prerogattiva <u>esklussiva</u> tal-Prosekuzzjoni li titlob illi d-disgħa kawżi miġjuba kontra Joseph Muscat jiġu mgħaqqdin flimkien, u dan ad esklużjoni jew tal-Qorti 'ex ufficio', jew fuq talba tal-appellant, liema ksur iwassal għall-vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba f'disparita' fl-armi, fejn l-akkużat ser jispiċċa jbagħti preġudizzju u jiġi kkundannat għal piena aktar severa minn dik applikabbli li kieku l-akkużi ġew magħqudin.**

Bħala rimedju għal tali ksur, din il-Qorti, bis-setgħat mogħtija lilha mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tistieden lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex, '*ex ufficcio*', tordna li l-akkużi kollha miġjuba kontra l-akkużat Joseph Muscat, elenkati aktar 'il fuq, jiġu magħqudin flimkien biex jiġu ġġudikati lkoll flimkien bħala reat kontinwat, a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Spejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu esklussivament a kariku tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Kopja formali ta’ din is-sentenza għandha tiddaħħal fl-atti tal-kawża Kriminali.

Kopja formali ta’ dina is-sentenza għandha tintbagħat ukoll lill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti ta’ Malta, kif ukoll lill-Ministru tal-Ġustizzja.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**